**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 59/2017

Seduta tat-30 ta' Ottubru 2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**Redento Bonniċi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Redento Bonniċi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 487757(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-24 ta' Frar, 2016 u fil-jiem ta' qabel ġewwa Ġnien il-Kbir, Buskett L/O Rabat Malta:

1) Bla ħsieb li jisraq jew jagħmel ħsara kontra l-Liġi iżda biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu ġiegħel b'awtoreita' tiegħu nniffsu jħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjigha jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-26 ta' Jannar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Redento Bonniċi ħati tal-akkuża li poġġa materjal fl-għalqa tal-kwerelant u fil-passaġġ komuni bla ma kellu dritt jagħmel hekk u kkundannatu ħamsin Ewro (€50) multa. Oltre dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

kkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-perizja u għalhekk ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali bil-għan li jiġbor il-ħlas tal-perit tekniku fl-ammont ta' ħames mija w tnax il-Ewro u erbgħa w għoxrin ċenteżmu (€512.24).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Redento Bonniċi, ppreżentat fis-7 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hawn appellata in kwantu din sabet lill-appellant ħati tal-akkużi dedotti kontrieh, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena alternattivament u biss f'każ li din il-Qorti tiċħad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' ħtija u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-ħtija, l-appellant jitlob bir-rispett illi din il-Qorti tirrforma s-sentenza appellata billi tvarja in kwantu ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-perizja fis-somma ta' ħames mija u tnax –il Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€512.24c).

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jikkritika d-decizjoni appellata li sabitu hati tar-reat lilu addebitat u dan billi jishaq illi sar apprezzament zbaljat tal-provi u applikazzjoni hazina tal-ligi u dan ghaliex kien hu li rrapporta lill-pulizija li l-parti leza Paul Pisani kien qed icahhdu mid-dritt ta' passagg li huwa igawdi minn fuq il-proprjeta ta'l-istess u dan meta Pisani harat dan il-passagg sabiex b'hekk huwa

ma setax jaccedi aktar ghall-ghalqa tieghu bl-ingenji. Kien ghalhekk li huwa nehha il-gebel u il-laqx li kien qed jostakolalu d-dritt ta' passagg, liema azzjoni da parti tieghu certament ma jammontax ghar-reat hekk imsejjah 'raggion fattasi'.

Illi ghalkemm kif dejjem gie ribadit huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, madanakollu hija fis-setgha ta' din il-Qorti li tezamina l-atti mill-gdid sabiex tqies jekk l-fatti kif jemergu mill-atti processwali jammontawx ghal vjolazzjoni tal-ligi addebitat lil persuna akkuzata. Illi allura jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi minn ezami tal-atti processwali ghandu johrog illi dawn l-proceduri penali istitwiti kontra l-appellant gew instigati minn rapport maghmul minnu stess lill-pulizija lura fl-24 ta' Frar 2016 u dan meta l-parti leza Paul Pisani ħarat parti mill-passaġg li jghaddi minn fuq il-proprjeta tieghu u li minnu l-appellant ghandu dritt ighaddi sabiex jaccedi ghall-ghalqa tieghu. Bonniċi stqarr li hu minn dejjem kellu d-dritt li jgħaddi minn dan il-passagg bir-rigel u bil-mutur u billi Pisani kien harat il-passagg u dejjqu huwa ma setax iktar jaccedi ghal ghalqa tieghu bl-ingenji. Jishaq illi minn kuntratt ta' lokazzjoni datat l-20 ta'

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Ottubru 1992 johrog fil-klawsola 4 tieghu illi huwa igawdi minn dritt ta' passagg kemm bir-riġel kif ukoll b'mezz ta' inġenji oħra u dan mingħajr ma ġie speċifikat il-wisgha tat-triq jew it-tip ta' inġenji li jistgħu jintużaw. Madanakollu dan il-kuntratt jibqa' qatt ma jigi esebiet mill-appellant, sabiex l-ahjar prova hija nieqsa mill-atti processwali.

Meta mitkellem mill-pulizija, Pisani jikkontesta dan il-fatt u jghid illi Bonnici igawdi biss minn dritt ta' passagg bir-riġel. Stqarr ukoll illi hu jaħrat biss il-parti tal-ghalqa li hija proprjeta tiegħu u żied jgħid illi l-appellant kien tefa' xi laqx u ġebel ieħor ġol għalqa tiegħu sabiex jerġa jkabbar il-passaġġ. L-appellant jammetti fil-fatt li neħħa dan il-ġebel u minn hawn il-pulizija hadu passi kontra tieghu ghar-reat mahsub fl-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti tistqarr minnufih illi l-*vexata quaestio* li hemm bejn il-ko-litigandi iddur madwar in-natura tad-dritt ta' passagg li jgawdi l-appellant minn fuq l-ghalqa tal-parti leza. Dan ghaliex ghalkemm jidher illi l-appellant igawdi dritt ta' passagg bir-rigel u bil-karru, l-parti leza qed toggezzjona illi huwa jghaddi bl-ingenji kbar illi llum il-gurnata jintuzaw mill-bdiewa sabiex jigi ffaccilitat ix-xoghol taghhom. Fil-fatt mill-atti u senjatament mir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti jirrizulta illi l-wisgha tal-passagg ezistenti ma jippermettiex lill-appellant ighaddi bit-*tractor* il-gdid li akkwista.

Dan maghdud, madanakollu din il-Qorti fil-forum penali ma tistax tinoltra ruhha sabiex issolvi din il-vertenza ta' natura civili ezistenti bejn il-partijiet, izda biss trid tinvestiga jekk l-appellant bl-azzjoni tieghu biddilx l-*istatus quo ante* u dan ghaliex qieghed jippretendi li ghandu dritt u ghalhekk ha l-ligi b'idejh minflok irrikorra lejn l-awtoritajiet gudizzjarji sabiex jigi investigat jekk huwa ghandux dan id-dritt minnu pretiz. Irid jinghad illi fejn si tratta tar-reat ta' *ragion fattasi*,

> **"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-**

**imputazzoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.[2]"**

L-Artikolu 85 ghandu bhala l-ghan tieghu li jittutela l-pussess tal-haga bil-kelma pussess tinkludi semplicement anke l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

**"Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati[3]"**

Dan ghaliex:

**"... id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.[4]"**

Ikkunsidrat:

Illi l-att materjal tar-reat addebitat lill-appellant f'dawn il-proceduri jikkonsisti fit-tfiegh ta' gebel u laqx fir-raba tal-parte civile bil-ghan illi jitwessa l-passagg li hemm fuq l-istess proprjeta u dan sabiex l-appellant ikun jista' jaccedi ghall-ghalqa tieghu komodament bit-*tractor*. Jidher illi dan sehh ghaliex il-parti leza harat parti mill-

---

[2] App.Krim. Il-Pulizija vs Anthony Micallef (deciza 30/07/2004)

[3] Il-Pulizija vs John Vassallo - Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

[4] Il-Pulizija vs John dimech - deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, datata l-24 ta' Ġunju 1961.

passagg sabiex dan jirritorna ghal-wisgha originali tieghu. Fil-fatt l-appellant jirraporta dan il-fatt lill-pulizija billi dehrlu li l-parti leza ma kellux dritt jahrat u ghalhekk idejjaq il-passagg. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ssib l-agir ta'l-appellant kemmxejn stramb u dan meta rrikorra ghand il-pulizija sabiex ifittex is-sanzjoni tal-awtorita pubblika u dan meta huwa kien diga' ha l-ligi b'idejh u wessa l-passagg meta qala' il-gebel u l-laqx li kien hemm u tefghu fir-raba tal-parte civile. Kaz klassiku ghalhekk ta' raggion fattasi billi bil-fatt li l-appellant irrikorra ghand il-pulizija jfisser illi huwa imbaghad ma setax jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh u jaghmel dak li huwa f'idejn l-awtoritajiet pubblici illi jaghmlu.

Dan ghaliex jidher illi l-appellant rema il-laqx u ġebel fir-raba tal-parte ċivile wara li dan ta' l-aħħar kien reġa dejjaq il-passaġġ in kwistjoni sabiex iwessa l-istess passaġġ bil-ghan li jkun jista jgħaddi bit-*tractor* tiegħu, xi ħaġa li skond hu, kellu kull dritt li jagħmel u li kien ilu jagħmel minn żmien u li ma setax jiġi mċaħħad milli jkompli jagħmel hekk mill-parte ċivile. L-appellant infatti ressaq bħala xhieda tiegħu lil bintu u lir-raġel ta' bintu li entrambe kkonfermaw li huma minn dejjem kienu jgħaddu minn dan il-passaġġ bl-inġenji, nkluż it-*tractor* u li kien il-kwerelant li kien ostakolhom meta dejjaq it-trejqa.

Mill-banda l-oħra l-kwerelant jgħid illi l-passaġġ kien oriġinarjament dejjaq u li l-appellant wessghu *di sua sponte* u mingħajr il-kunsens espliċitu jew impliċitu tiegħu biex ikun jista' jgħaddi bit-*tractor* gdid li kien xtara. Illi fil-fatt mir-ritratti li ttieħdu mill-perit maħtur mill-Ewwel Qorti jidher illi t-*tractor* li kellu l-appellant ma setax ighaddi komodament mill-passaġġ u b'hekk seta' jikkaguna ħsara fir-raba tal-parte ċivile. Jirriżulta wkoll mingħajr dubbju illi l-appellant konsegwentement ippretenda li kellu d-dritt li jwessa' l-passaġġ sabiex hu jkun jista jgħaddi mingħajr inkwiet minn din it-trejqa. Il-Qorti temmen illi l-appellant qatt m'għadda mill-passaġġ in kwistjoni bit-*tractor* iżda biss b'inġenji oħra ta' qisien iżgħar. Ghalhekk huwa nehha il-gebel u il-laqx u tefaghhom fir-raba tal-parte civile biex jkun jista' ighaddi komodament. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax illi ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam imqanqal mill-appellant marbut mal-kundanna ghal hlas ta'l-ispejjez peritali fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. L-appellant jishaq illi dawn għandhom jinqasmu minn nofs u dan peress illi l-istess rapport gie pprezentat fil-proċeduri penali li ttieħdu kontra l-parti leza Paul Pisani. Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-hatra tal-Perit Mario Cassar saret mill-Ewwel Qorti f'dawn il-proceduri taht il-lenti taghha. In oltre ma hemm l-ebda prova li tindika dak allegat mill-appellant f'dan l-aggravju u cioe' illi tali nomina saret ukoll fil-proceduri penali kontra il-parti leza Paul Pisani. Din il-Qorti m'ghandhiex ghad-disposizzjoni taghha l-inkartament ta' dawk il-proceduri u kwindi tinsab fl-impossibbilita' illi tistabbilixxi jekk dak allegat mill-appellant huwiex minnu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk, dan l-aggravju qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur